MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 30/2010

Carmel u Pauline konjugi Grima

vs

John u Helen konjugi Vella; Reggie Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-14 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk :-

'Ghidu intom konvenuti jew min minnkom il-ghaliex ma ghandkomx tigu kundannati thallsu l-ammont ta' elfejn sitt mija u erbatax –il ewro u disgha u ghoxrin ewro centezmi (€2,614.29) rapprezentanti l-prezz ta' gebel u taxxa tal-VAT, liema gebel gie konsenjat lilkom mir-rikorrenti fuq talba u fuq struzzjonijiet taghkom stess u dan bejn il-perjodu ta' Lulju u Awissu tas-sena 2008. Minkejja li intom kemm –il darba irrikonoxxejtu mar-rikorrenti li dan l-ammont kien dovut minnkom, intom bqajtu inadempjenti u

ma hallastux dan l-ammont, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija mid-data tal-konsenji relattivi sad-data ta' l-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Jannar 2010, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali numru 64/2010 datata 6 ta' Mejju 2010 (illi fiha ntalbu wkoll l-imghaxijiet skont il-ligi), u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa intom imharrkin.' ;

Il-konvenut Reggie Vella permezz tar-risposta tieghu prezentata fil-25 ta' Awwissu 2010, eccepixxa :-

'Illi t-talbiet attrici, in kwantu rivolti lejn l-eccipjenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-eccipjenti qatt ma ordna jew talab jew akkwista l-materjal indikat mill-atturi u qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-atturi relattivament ghall-fatti minnhom esposti u ghat-talbiet minnhom maghmula ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.' ;

Illi l-konvenuti John u Helen konjugi Vella permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fl-1 ta' Ottubru 2010, eccepew :-

'Illi l-konvenuti John u Helen konjugi Vella jikkontestaw t-talba odjerna ghas-segwenti ragunijiet :

Jeccepixxu preliminarjament il-preskrizzjoni ghat-talba attrici ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Jeccepixxu preliminarjament illi huma ma humiex il-legittimi kontradittturi fil-kawza odjerna ;

L-ammont pretis ma hux dovut stante illi ma hux skont il-prezz miftiehem ;

Il-konsenja tal-materjal ma hiex tal-kwalita' pattwita ;

Minghajr pregudizzju se mai l-imsemmi kont ma ghandux jithallas mill-konvenuti biss stante illi huma proprjetarji biss ta' nofs indiviz mill-proprjeta' fejn gie konsenjat il-materjal, u ghalhekk nofs il-kont ghandu jithallas mill-konvenut l-iehor Reggie Vella bhala proprjetarju tan-nofs indiviz l-iehor ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw oralment il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta' reklam semplici ta' hlas ta' kreditu ghal materjal tal-gebel fornit mill-attur lill-konvenuti f'sit fix-Xewkija. Il-konvenuti John u Helen konjugi Vella qeghdin jopponu t-talba ghall-hlas reklamat mill-atturi billi in linea preliminari qeghdin jeccepixxu li l-azzjoni attrici tinsab preskitta bl-eghluq ta' tmintax –il xahar ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili : ' .... *l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*' ;

In vista ta' din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li baqghet tigi sostnuta sal-ahhar mill-konvenut John Vella, dan it-Tribunal ser jghaddi l-ewwel biex jezamina u jiddeciedi dwar din l-eccezzjoni preliminari ;

Mhuwiex kontestat, u dan jirrizulta mill-fatturi esibiti mill-istess atturi li l-materjal tal-gebel gie konsenjat lill-konvenuti fil-perjodu bejn is-27 ta' Gunju 2008 u l-14 ta' Lulju 2008. L-ittra ufficjali numru 64/2010 saret fis-6 ta' Mejju 2010, u cioe' aktar minnn tnejn u ghoxrin xahar wara. Madanakollu apparti li mix-xhieda tal-attur, martu

Pauline Grima, u binhom Noel Grima hemm indikazzjonijiet bizzejjed li l-konvenut John Vella kien verbalment accetta maghhom u ammetta d-debitu f'diversi okkazjonijiet matul dan il-perjodu, mix-xhieda tal-istess konvenut John Vella moghtija fil-25 ta' Jannar 2011, dan it-Tribunal jikkonkludi li huwa kien qed jaghraf b'mod car u univoku d-dejn li hemm mal-atturi tant li kien iddikjara li kien lest li jhallas, izda pero' l-konvenut jippretendi li ladarba l-gebel ordnat intuza fl-izvilupp ta' sit li huwa kellu bi shab mal-konvenut l-iehor Reggie Vella, id-dejn ghandu jithallas mit-tnejn li huma nofs kull wiehed, u mhux kollu minnu biss ;

Huwa pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi r-rikonjizzjoni tad-debitu tista' tkun prezunta jew indiretta dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur [**Pugliese**, 'Prescrizione Acquisitiva' para. 277]. Dippiu' lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta [**Fadda**, 'Gurisprudenza Kod. Civ. Ital. Art. 2129 para. 46] u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat. [ara **Kollez. Vol. XXVI.ii13; Vol. XLV.ii.632; Victor Calleja *noe* vs Nazzareno Vassallo *et noe***, Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1998] ;

Ghalaqstant l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella mhix aktar sostenibbli u qed tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom ;

Il-konvenuti konjugi Vella eccepew ukoll in linea preliminari li huma mhumiex il-legittimi kontradittur. Ghal din l-eccezzjoni l-konvenut John Vella htieglu jiddimostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu personalment ma kienx dahal f'ebda rapport negozjali mal-atturi ghax il-kontrattazzjoni saret ma' kumpanija tieghu li taghha hu kien ir-rapprezentant jew mandatarju. [ara **Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999]. Mhux dan biss pero`. Huwa kellu jipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju l-attur, li mieghu gew pjazzati l-ordnijiet, kien a

konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet mieghu u min mieghu kkonkluda n-negozju kien qieghed f'dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu. Inghad li hu 'dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura ruhhu li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta. (ara, **John Vella noe vs Anthony Vella et**, Appell, 3 ta' Dicembru, 1999) ;

Fid-dawl tal-gurisprudenza li ghaliha qed jaghmel riferenza dan it-Tribunal, il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, huwa mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor [ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **Zammit vs Rev. N.Okereke**, deciza fit-13 ta' Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **E. Borg et noe vs R. Schembri**, deciza fit-28 ta' Mejju, 1973] ;

Fix-xhieda tieghu l-konvenut John Vella jaghti ndikazzjoni, anzi' iddikjara li kienet is-socjeta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd. li ghamlet in-negozju mal-attur Carmel Grima u li kienet ordnat il-gebel u mhux hu. Jispjega wkoll li s-sit fejn gie konsenjat il-gebel u li fuqu sar il-bini huwa proprjeta' bi shab bejn l-istess konjugi Vella u l-konvenut l-iehor Reggie Vella, u li din il-kumpannija kienet giet inkarigata minnhom it-tnejn biex taghmel ix-xoghol kollu tal-kostruzzjoni u zvilupp tas-sit. Il-konvenut John Vella spjega wkoll li kien hemm okkazjonijiet meta kien gie konsenjat il-gebel u l-konvenut Reginald Vella kien ikun hemm fis-sit tal-kostruzzjoni, u kien hemm okkazjonijiet fejn dan Reggie Vella sa wassal lura lill-attur fil-barriera wara li kien jigi bit-trakk tal-gebel u

kien ihallih hemm fuq il-post sakemm jinhatt u mbaghad kien jigbru lura aktar tard dak in-nhar jew l-ghada. Certament li din il-kontroversja hi essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta' l-istess partijiet. Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi kollha, u huwa tal-ferma konvinzjoni li l-konvenut naqas milli jgib prova perswasiva illi l-attur Carmel Grima kien konsapevoli illi l-ordnijiet tal-gebel kienu qeghdin isiru mis-socjeta` G.V. Gozo Developments Co. Ltd. u mhux mill-konvenut John Vella personalment. Huwa ben maghruf illi meta wiehed jikkontratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem xi enti guridika separata jekk dan il-fatt ma jkunx maghruf minn min jezegwixxi x-xoghol [ara Appell, **Anthony Cremona et vs John Magro et**, 6 ta' Ottubru 1999]. Il-provi jindikaw a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal li kien il-konvenut John Vella personalment li ghamel l-ordnijiet ghall-fornitura tal-gebel tant li meta kienet issir il-konsenja tal-gebel u kien ikun hemm jahdem fis-sit, hu kien jiffirma l-fattura tal-konsenja f'ismu u mkien ma kien jindika lill-kumpannija G.V. Gozo Developments Co. Ltd. jew li kien qed jircievi l-konsenja f'isem din il-kumpannija. Il-konvenut l-iehor Reggie Vella iddahhal fil-kwistjoni u mal-atturi ssemma' n-negozju bi shab li kien hemm bejn il-konvenuti konjugi Vella mal-konvenut l-iehor Reggie Vella meta l-atturi kienu bdew jissikkaw lill-konvenut John Vella ghall-hlas. Indipendentement mill-kwistjonijiet li hemm jew ghad hemm bejn il-konvenuti, huwa car li l-konvenut John Vella kien ordna dan il-gebel u hu personalment li ghandu jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-istess ;

Ghaldaqstant din l-eccezjoni qeghdha tigi michuda wkoll bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Vella ;

Il-konvenuti John u Helen konjugi Vella eccepew ukoll li l-gebel li gie fornit lilhom ma kienx tal-kwalita' pattwita. Din l-eccezzjoni tal-konvenuti hi destinata wkoll li tfalli gjaladarba bil-fatt tieghu stess il-konvenut John Vella tilef kull dritt li seta' kellu. Hu ghazel mhux biss li jzomm il-gebel lilu konsenjata, anzi' baqa' jircievi u jaccetta l-konsenji tal-gebel li minnu issa qed jilmenta li ma kienx

tal-kwalita' pattwita, kif jirrizulta mill-fatturi esibiti u ffirmati minnu, u naqas li jirreagixxi tempestivament skond kif trid il-ligi meta kien konsapevoli mill-fatt illi l-konsenji ma kienux qed ikunu konformi ghad-dettalji pattwiti. F'cirkostanzi konsimili hu gie li ppregudika rrimedjabilment il-posizzjoni tieghu. Fi kliem iehor hu ma kellux jippretendi li jzomm il-gebel, bena bih, biex imbaghad rinfaccjata b'talba ghall-hlas, jippretendi li ma ghandux ihallas lill-atturi ghax deherlu li dawn ma onorawx l-obbligi taghhom. Dan l-ilment tal-konvenut John Vella, fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, ma jistax ghalhekk jigi accettat jew sostenut u l-atturi ma ghandhomx jigu kkastigati ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenut ta' dawk il-mizuri li kellu jiehu biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Hu principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt. [ara sentenza tal-Qorti Tal-Appell, (Sede Inferjuri), **Frederick Micallef pro et noe vs Mary Sullivan**, deciza fit-22 ta' Novembru 2002] ;

Din l-eccezzjoni qeghdha ghalhekk tigi michuda wkoll ;

A rigward l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut li l-prezz mitlub ma huwiex dak li kien gie miftiehem bejniethom, jirrizulta car mill-fatturi esibiti li l-gebel ikkonsenjat kien gie mibjugha ghall-prezz ta' ghaxar Euro u hamsin centezmi (€10.50) kull vieg. L-artikolu 49(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi espressament li meta persuna registrata ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Il-Valur Mizjud tindika l-prezz tal-oggetti offerti ghal bejgh bl-imnut, dak il-prezz ghandu jigi ndikat b'mod li jkun jinkludi t-taxxa li ghandha tithallas jekk ikun hemm, dwar il-provvista ta' l-oggetti msemmija. U fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas ma jkunx identifikat fi hlas ghal provvista taxxabbli jew fi prezz imhallas, hlief ghal f'fattura jew dokument li jservi bhala fattura mahruga minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra, ghal provvista taxxabbli, dak il-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa

[artikolu 49(2)]. Ghalhekk dan it-Tribunal iqis li fil-prezz tal-gebel indikat fuq il-fattura, dan kien jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud. Mill-fatturi esibiti u ffirmati jirrizulta li bejn is-27 ta' Gunju 2008 sal-14 ta' Lulju 2008, gew forniti lill-konvenuti konjugi Vella mitejn u hdax (211) il-viegi ta' gebel ghall-prezz ta' ghaxar Euro u hamsin centezmi (€10.50) kull vieg, li komplessivament jammontaw ghal elfejn mitejn u hmistax –il Euro u hamsin centezmi (€2215.50), u dan huwa l-ammont li dan it-Tribunal ser jiddikjara li huwa dovut u li ser jordna li ghandu jithallas lill-atturi bit-taxxa tal-VAT inkluza, u f'dan ir-rigward l-eccezzjoni taht ezami qed tintlaqa' parzjalment. Il-kejl esibit mill-konvenuti konjugi Vella ta' kemm intuza gebel bil-bini mhuwiex rilevanti ghall-finijiet ta' din il-vertenza billi dan ma jirriflettix necessarjament il-viegi ta' gebel li effettivament gew ikkonsenjati mill-attur Carmel Grima lill-konvenut John Vella li hu jew il-haddiema tieghu ffirmaw kull fattura tal-viegi li gew lilhom ikkonsenjati, u mill-atti ma ngabet ebda prova li dan it-Tribunal jista' jorbot konkretament fuqha li l-konvenut John Vella qatt kien ilmenta mal-attur li kien ikkonsenjalu viegi inqas minn dawk li kienu gew indikati fuq il-fatturi ;

Illi l-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella li huma ghandhom iwiegbu biss ghan-nofs l-kont billi l-gebel intuza fil-bini tas-sit li huma ghandhom bi shab mal-konvenut Reggie Vella, din hija wkoll insostenibbli. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut Reggie Vella qatt m'ghamel ebda ordnijiet tal-gebel lill-atturi, u li ismu kien beda jissemma' maghhom mill-konvenut John Vella meta huma kienu bdew jissikkaw lil dan tal-ahhar ghall-hlas u kien semmielhom li kellu xi kwistjonijiet mal-konvenut Reggie Vella. Ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi relazzjoni la diretta u lanqas indiretta mal-konvenut Reggie Vella fl-ordnijiet ghall-forrnituri tal-gebel li saru lill-atturi, u l-fatt li l-konvenut Reggie Vella kien ikun fis-sit tal-kostruzzjoni jew li kien hemm drabi li ha lura lill-attur lejn il-barriera tieghu wara li kien iwassal it-trakk bil-gebel fis-sit fejn kienet qeghdha ssir il-kostruzzjoni, la johloq ebda responsabbilita' da parti tal-konvenut Reggie Vella ghall-hlas tal-kreditu reklamat mill-atturi u lanqas johloq xi relazzjoni guridika diretta bejniethom. Ghall-finijiet ta' din

il-kawza, il-kwistjonijiet li kien hemm u li jista' ghad hemm bejn il-konvenuti John Vella u Reggie Vella bl-ebda mod jolqtu l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-kawza odjerna ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-atturi fil-konfront biss tal-konvenuti John u Helen konjugi Vella limitatament ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u hmistax –il Euro u hamsin centezmi (€2,215.50), qed jichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Vella u jikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Vella li jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn mitejn u hmistax –il Euro u hamsin centezmi (€2,215.50), bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-dati rispettivi ta' meta gie fornit lilhom il-materjal tal-gebel sal-effettiv pagament. Jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut l-iehor Reggie Vella, u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez relattivi kontra l-atturi. Dan bla pregudizzju ghall-kwistjonijiet li hemm bejn il-konvenuti konjugi Vella u Reggie Vella, u salv kull dritt li l-konvenuti konjugi Vella ghandhom jew jista' ghandhom fil-konfront tal-konvenut l-iehor Reggie Vella *si et quatenus*. Mill-bqija l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti konjugi Vella, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2010 (Ittra numru 64/2010).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------